# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **9 TA' SETTEMBRU 2018**

**Fastforward, pause, play**

Is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. tixtieq tistiednek għal attivita "fastforward, pause, play" li permezz ta' numru ta' films, insallations, preżentazzjonijiet, cartoons u diskussjonijiet qosra int ikollok l-opportunità li taħseb, tiddiskuti, titlob, tistaqsi u tistrieħ f'ambjent sabiħ li joffri ċ-Ċentru għall-Konferenzi f'Dar il-Ħanin Samaritan, Santa Venera. **Minn nhar it-Tnejn 10 sa nhar il-Ġimgħa 14 ta' Settembru, mis-6:30pm 'il quddiem**. Ejja int u l-familja tiegħek flimkien mal-ħbieb u ħu sehem f'waħda jew aktar minn dawn l-esperjenzi.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 15 ta' Settembru 2018 fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Il-Ħadd 23 ta' Settembru 2018 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-trabi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 27 ta' Settembru 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha nteressati li jieħdu t-tilqima tal-influwenza u għandhom minn 55 sena 'l fuq huma mitluba li jgħaddu d-dettalji tagħhom fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali sa nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2018.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 67 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali fil-qoffa apposta quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

### ***Coffee Morning***

Il-Ħamis 27 ta' Settembru 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

### **Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Settembru 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.